# Qaddisin Karmelitani fit-Toroq tal-Belt (1)

**Patri Victor Paul Farrugia O.Carm**

Meta wieħed jidħol fil-Belt Kapitali fix-xahar ta' Lulju, fost il-ħafna armar li jżejnu t-toroq prinċipali, wieħed jilmaħ diversi statwi ta' qaddisin Karmelitani armati, kemm quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, kif ukoll quddiem il-Qorti. Imma forsi hemm min jistaqsi dawn min huma? Għalhekk iddeċidejt li nibda sensiela ta' artikli u fihom nagħtu ħarsa qasira lejn il-ħajja ta' dawn il-qaddisin biex wieħed isir aktar midħla tagħhom. Ħsibt li nibda bl-ewwel żewġ qaddisin tal-Ordni Karmelitan, Sant'Anġlu ta' Sqallija, Martri u Sant'Albert ta' Trapani, Saċerdot.

**Sant'Anġlu ta' Sqallija, Martri**

Irridu ngħidu mill-bidu li hija ftit l-informazzjoni ċara li għandna fuq dan il-qaddis, u din l-informazzjoni hija miġbura minn diversi sorsi fosthom il-Katalogu tal-Qaddisin, il-ħajja ta' Sant'Anġlu minn ċertu Enok li jingħad li kien Karmelitan u Patrijarka ta' Ġerusalemm u diversi Aġjografiji oħra.



L-Istatwa ta' Sant'Anġlu li tintrama quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann fi żmien il-festa.

Anġlu twieled fil-Belt ta' Ġerusalemm fis-sena 1185, minn ġenituri Lhud kkonvertiti għall-Kristjaneżmu. Meta mietu hu u ħuħ it-tewmi Ġwanni ddeċidew li jidħlu mal-Karmelitani, fejn għamlu l-professjoni f'idejn il-Pirjol Ġenerali San Brokard, fil-Kunvent fuq l-Għolja tal-Karmelu. Ġie ordnat saċerdot ta' 25 sena u ftit wara fl-1218, ingħata l-missjoni li jmur Ruma u jġib l-approvazzjoni tar-Regula Karmelitana mill-Papa Onorju III. Din l-approvazzjoni però waslet fl-1226.

Meta kien Ruma huwa kien jipprietka wkoll in-naħa tal-Bażilka ta' San Ġwann fil-Lateran. It-tradizzjoni tgħid li hemmhekk huwa ltaqa' ma' San Franġisk u San Duminku. F'din l-okkażjoni huwa ħabbar il-pjagi lil San Franġisk, filwaqt li San Franġisk ħabbarlu l-martirju, waqt li San Duminku qagħad josserva u jitlob.



Inċiżjoni antika li turi l-laqgħa bejn San Duminku, San Franġisk u Sant'Anġlu

Wara Ruma, Anġlu ntbagħat Sqallija biex jipprietka kontra l-Katari, li kienu qed ixerrdu t-tagħlim eretiku tagħhom. Din l-ereżija li wara s-sena 1000 imxiet mil-Lvant għall-Punent, dawn kienu jikkundannaw b'mod radikali dak kollu li hu tad-dinja u karnali, fosthom iż-żwieġ, kienu jiċħdu l-qawmien tal-ġisem, u jikkundannaw ukoll il-propjetà privata.

Dan il-moviment kien jissejjaħ b'diversi ismijiet, skont il-post fejn jistabilixxi ruħu, fosthom l-Albiġiżi, il-Bulgari, il-Patrini, il-Pubblikani u fi żmien Sant'Anġlu kien fi żmien ta' espansjoni fil-Punent Nisrani.

F'Licata kien hemm raġel jismu Berengario, li kien Kataru ferventi, li Anġlu kien ikkonverta lil oħtu minn din l-ereżija. Berengario tant irrabja għal din il-konverżjoni li fit-30 ta' April 1220, meta Anġlu kien qed jipprietka fil-Knisja ta' San Filippu u San Ġakbu, dan mar għalih u ferieh għall-mewt b'ħames daqqiet ta' xabla. Huwa ttieħed f'dar viċin, fejn erbat ijiem wara jiġifieri fil-5 ta' Mejju miet, filwaqt li kien qiegħed jitlob lin-nies ta' Licata biex jaħfru lil dak li għamillu hekk.

Ġie midfun fil-Knisja fejn ħa l-martirju u l-qabar tiegħu mill-ewwel sar post ta' pellegrinaġġi, u l-kult tiegħu infirex malajr.


L-Urna fejn hemm il-fdalijiet ta' Sant'Anġlu Martri

Sa mill-1456 l-Ordni Karmelitan jivvenerah bħala Qaddis u l-Papa Piju II approva dan il-kult. Fl-1662 il-fdalijiet tiegħu ġew meħuda fil-Knisja l-ġdida li nbniet flok dik ta' qabilha wara l-pesta tal-1625, li minnu nħelset il-belt ta' Licata bl-interċessjoni tal-Qaddis.

Il-kult ta' Sant'Anġlu nfirex mal-Ordni kollu u anke fost il-poplu. Hu u Sant'Albert ta' Trapani huma kkunsidrati bħala l-*Missirijiet* tal-Ordni, minħabba li kienu l-ewwel żewġ qaddisin li kellhom il-kult fl-Ordni, u għalhekk li ħafna drabi speċjalment fl-ikonografija medjevali jiġu mpoġġija flimkien mal-Verġni Marija.

Fi Sqallija nsibu diversi postijiet li għandhom lil Sant'Anġlu bħala Patrun, u l-poplu jdur lejh fil-bżonnijiet tiegħu b'affett u ħlewwa kbira.

F'Malta nsibu kappella ddedikata għalih fiż-Żejtun, kif ukoll il-Forti Sant'Anġlu fil-Birgu huwa msemmi għalih.

**San Albert ta' Trapani, Saċerdot**

Albert huwa waħda mill-figuri ewlenin li kull Ordni reliġjuż ikollu fil-bidu tal-istorja tiegħu. Huwa l-bniedem tal-mirakli. Il-bniedem kast li jġib fuq driegħu lil Ġesù Bambin, il-predikatur, u l-bniedem li jitma' l-belt ta' Messina waqt assedju u jbierek l-ilmijiet li jmarrdu lill-poplu bil-malarja u bid-deni.


L-Istatwa ta' San Albert ta' Trapani li tintrama quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann fi żmien il-festa.

Minn familja nobbli, dik Fjorentina Degli Abati, twieled qrib l-1250 fi Trapani, Sqallija. Twieled wara sitta u għoxrin sena ta' żwieġ lil Benedetto degli Abati u Giovanna Palizi, li wegħdu li jikkonsagrawh lill-Mulej. Iżda meta t-tfajjel kien qed jikber missieru beda jaħsiblu biex iżewġu lil tfajla xierqa, filwaqt li ommu fakkritu fil-wegħda li kienu għamlu. Minn età żgħira kibret fih l-esiġenza spiritwali barra min-normal. Daħal fl-Ordni Karmelitan, li kien għadu kemm twaqqaf fi Sqallija u wiegħed il-kastità filwaqt li ċaħad il-ġid u l-għana kollu. Tant kien bniedem umli li ma riedx jaċċetta l-ordinazzjoni saċerdotali, iżda baxxa rasu quddiem l-insistenza tas-superjuri u ta' ħutu l-patrijiet li rawh fih ħafna virtù, l-imħabba tiegħu lejn is-safa' u t-talb, u l-mirakli u l-predikazzjoni. Ftit wara Albert intbagħat in-naħa l-oħra ta' Sqallija, fil-kunvent ta' Messina fejn ħeles il-belt mill-ġuħ, belt assedjata mid-Duka tal-Kalabrija. Il-fama tiegħu xterdet anke 'l barra minn Messina, minħabba l-kelma u l-mirakli, il-karità u l-ħafna konverżjonijiet mil-Lhud. Beda jiġi ppreżentat bħala eżempju ta' Karmelitan, bniedem awster u ddedikat għall-opri appostoliċi.

Kellu kapaċità straordinarja li jkellem lin-nies b'konvinzjoni. Ma nafux jekk kienx studja f'xi università jew jekk il-formazzjoni tiegħu kienet pjuttost tat-tip monastiku. Però fiż-żewġ każi tidher ċara ċ-ċentralità tal-Kelma ta' Alla, il-qari bil-għaqal, kontinwu u appasjonat tal-Iskrittura Mqaddsa. Iffurmat madwar il-paġni Bibbliċi u Evanġeliċi huwa assimila l-ispirtu u kien kapaċi jittrasmettieh b'mod attraenti u effikaċi, biex ikun dawl u ispirazzjoni għal min kien qed jisimgħu.

Albert, kien tassew fratern ma' diversi persuni li kienu jqisuh bħala ħuhom u li kienu jfittxuh għaliex fih kienu jaraw bniedem ta' Alla, kapaċi juri l-kobor tal-imħabba ta' Alla speċjalment lejn is-sitwazzjonijiet delikati u soluzzjonijiet diffiċli. Hu kien bniedem tal-karità konkreta u ġeneruża f'aktar minn okkażjoni waħda, attent għall-bżonnijiet tal-oħrajn, b'mod speċjali mal-foqra. Mhux kumbinazzjoni li fost il-ħafna mirakli li jiġu rrakkuntati nsibu diversi li saru ma' nisa li kienu qed ibatu minn mard, anke ma' Lhud, li wara li kienu jiġi mfejjqa kienu jikkonvertu għall-Kristjaneżmu, u jagħrfu fl-intervent ta' Albert l-id ta' Ġesù l-Messija.

F'Agrigento, il-qaddis għamel ħelu l-ilma tal-bir, li sal-lum għdha ħajja t-tifkira tiegħu, riferiment ċar għall-episodju tal-bir ta' Ġeriko msoffi mill-Profeta Eliżew.

Nistgħu ngħidu li Albert kellu kont miftuħ max-xitan, apparti li affrontah diversi drabi f'battalji personali, hu kien eżorċista. Darba f'Licata waħda mara ġiet tfittxu biex jeħles lil bintha li kienet vittma ta' possessjoni djabolika. Hu ħelisha b'ġest ta' umiltà meta wara li hija tatu daqqa ta' ħarta huwa dawwar wiċċu.

Lejn l-1287 ġie elett bħala Provinċjal għall-Provinċja ta' Sqallija.

Hu kellu devozzjoni kbira u partikulari lejn il-Verġni Marija. Wieħed mill-karatteristiċi ta' din id-devozzjoni f'Albert hija l-Verġinità u s-safa tagħha, l-ewwel u qabel kollox bħala virtù interjuri u spiritwali qabel fiżika.



L-istatwa tal-Madonna ta' Trapani

Tradizzjoni antika tgħaqqad lil Sant'Albert mal-istatwa tal-Madonna ta' Trapani, jista' jkun li saret u nġibet Trapani meta l-qaddis kien Provinċjal ta' Sqallija. Huwa diffiċli ngħidu meta bdiet din it-tradizzjoni, iżda fis-sbuħija tixegħel tal-irħam, fil-pożizzjoni tagħha tħares lejn Binha, fit-tbissima ħelwa wieħed jista' jara r-rifless tas-sensibiltà li biha Albert kien jikkontempla lil din l-omm u oħt il-Karmelitani. Fix-xeħta mimlija affett tat-tfajjel lejn ommu, setgħa jara r-rifless tad-devozzjoni tiegħu, tal-imħabba intimà u tenera, kważi impenjattiva ta' min verament jaf iħobb u jivvenera lil Marija, devozzjoni li tfisser impenn.

Albert miet fis-7 ta' Awissu probabbilmet tal-1307. Ta' min wieħed isemmi l-battibekk li nqala' fil-mument tal-funeral bejn il-patrijiet u l-poplu. L-poplu li kellu affett u devozzjoni kbira lejn dan il-bniedem ried jiċċelebrah bħala qaddis, filwaqt li l-patrijiet kienu jippreferu quddiesa funebri normali. It-tradizzjoni tgħid li f'nofs dan kollu, dehru żewġ anġli li ntunaw l-*Os justi*, l-antifona tal-Introjtu tal-quddiesa tar-Rgħajja tal-Erwieħ, kważi biex jagħtu raġun lis-sentiment popolari u jikkonfermaw l-fama ta' qdusija ta' Albert.

Fl-1309 saret it-translazzjoni tar-relikwiji. Ir-ras kienet miġjuba Trapani minn Messina mill-provinċjal Cataldo di Anselmo. Kważi fi Sqallija kollha hemm postijiet li jfakkru l-memorja tal-passaġġ tiegħu minn dawn il-postijie tu l-mirakli li hu wettaq: f'Agrigento hemm il-bir li l-ilmijiet tiegħu ġew imsoffija mill-qaddis; f'Corleone hemm ikkonservat ir-reċipjent tal-assenzju; f'Petralia Soprana ġebla li fuqha straħ; f'Piazza Armerina ġiet mibnija l-ewwel kappella ddedikata lilu.

Kien l-ewwel qaddis Karmelitan u kellu wkoll it-titlu ta' Protettur tal-Ordni. Kellu wkoll it-titlu ta' *Missier*, flimkien ma' Sant'Anġlu. Fl-1346 fil-kunvent ta' Palermo nsibu kappella ddedikata lilu u f'diversi Kapitli Ġenerali, ibda minn dak tal-1375, beda jiġi maħsub li tintalab il-Kanonizzazzjoni Papali; f'dak tal-1411 nsibu l-Uffiċċju Propju tiegħu lest.

Fl-1457 il-Papa Kallistu III, ta permess għall-kult



Relikwija tar-ras ta' Sant'Albert

tiegħu, li ġie kkonfermat mill-Papa Sistu IV bil-Bolla tal-31 ta' Mejju 1476. Fl-1524 ġie ordnat li x-xbieha tiegħu tkun fis-siġill tal-Kapitlu Ġenerali. Il-Ġeneral Nicolò Audet, ried li f'kull Knisja tal-Ordni jkun hemm artal iddedikat lilu. Fl-1623 ġie iddedikat lilu l-Bieb tal-Belt.

Hu l-Patrun ta' Trapani, Erice, Palermo, Messina, Cremolino (Alessandria) u Revere (Mantova). Santa Tereża ta' Ġesù u Santa Maria Maddalena de' Pazzi kellhom devozzjoni partikulari lejh u l-Beatu Battista Spagnoli ddedikalu poeżija. Ir-relikwiji tiegħu huma mxerrda madwar l-Ewropa, huma neċessarji biex jitbierek l-ilma ta' Sant'Albert, użat ħafna kontra d-deni. Il-kranju tal-qaddis huwa meqjum b'devozzjoni kbira fil-Bażilka tal-Lunzjata ta' Trapani fejn hemm meqjuma wkoll ix-xbieha tal-Madonna ta' Trapani. Huwa jinsab fi statwa tal-fidda tal-qaddis.

***Hajr lil Fr Victor Paul li għaddielna dawn ir-ritratti li qed jidhru f'dan l-artiklu.***